Nru./No. 20,784
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 14 ta' Frar, 2022
Monday, 14th February, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 1581
Government Notices *1581*

Avviżi tal-Qorti ..... 1582 - 1584
Court Notices ..... *1582 - 1584*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 216

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Frar, 2022, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 188 tad-9 ta' Frar, 2022, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-11 ta' Frar, 2022
(OPM/40/2017)

GOVERNMENT NOTICES

No. 216

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Friday, 11th February, 2022, and that the arrangements made by Government Notice No. 188 of the 9th February, 2022, ceased to have effect accordingly.

11th February, 2022

Nru. 217

ARTIKOLU 2 TAL-ORDNI DWAR L-ESTENSJONI TAL-PROJBIZZJONI FUQ L-IVJAĠĠAR LEJN IL-PAJJIŻI KOLLHA LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA 465.26 U L-ARTIKOLU 2 TAL-ORDNI DWAR IL-PERJODU TA' KWARANTINA LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA 465.13

IS-SUPRETENDENT tas-Saħħa Pubblika qiegħda hawn tavża illi s-segwenti ċertifikati ta' tilqim b'vaċċini approvati mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini huma aċċettati mill-14 ta' Frar, 2022.

Il-Bożnja u Ħerżegovina – Republika Srpska – Ċertifikat tat-Tilqim COVID-19.

Il-Bożnja u Ħerżegovina – Ċertifikat ta' Tilqim kontra l-COVID-19.

Karta tat-Tilqim tas-Servizz tas-Saħħa tal-Ghana COVID-19.

Gvern tal-Indja – Ċertifikat Finali għat-Tilqim tal-COVID-19.

Ċertifikat ta' Tilqim tal-Gvern tal-Pakistan għal COVID-19.

Ċertifikat Internazzjonali tat-Tilqim tar-Repubblika tal-Filippini (b'kodiċi QR).

Ċertifikat ta' Tilqim tar-Repubblika Torka tat-Tramuntana ta' Ċipru.

L-14 ta' Frar, 2022

No. 217

ARTICLE 2 OF THE TRAVEL BAN (EXTENSION TO ALL COUNTRIES) ORDER SUBSIDIARY LEGISLATION 465.26 AND ARTICLE 2 OF PERIOD OF QUARANTINE ORDER, 2021 SUBSIDIARY LEGISLATION 465.13

THE Superintendent of Public Health hereby notifies that the following vaccination certificates with European Medicines Agency approved vaccines shall be accepted as from the 14th February, 2022.

Bosnia and Herzegovina – Republika Srpska – Certificate of the COVID-19 Vaccination.

Bosnia and Herzegovina – COVID-19 Vaccination Certificate.

Ghana Health Service COVID-19 Vaccination Card.

Government of India – Final Certificate for COVID-19 Vaccination.

Government of Pakistan Immunisation Certificate for COVID-19.

Republic of the Philippines International Certificate of Vaccination (with QR code).

Turkish Republic of Northern Cyprus Vaccination Certificate.

14th February, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

223

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-3 ta' Frar, 2022, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 19 ta' Mejju, 2022, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-garaxx/maħżen fil-ground floor level, mingħajr numru uffiċjali bl-isem 'Mars', fi Triq il-Bajjada qabel magħrufa bħala Triq Ġdida fi Triq Isouard, Il-Marsa, liema garaxx/maħżen bl-eċċezzjoni tal-faċċata jikkonfina mill-irjiħat kollha ma' proprjeta' ta' terzi, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' sitta u erbgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€46.73), liema ċens huwa dovut fuq l-art li parti minnha hemm il-garaxx mibni, inkluż il-kirja pre 1995 għaż-żmien rimanenti sas-sena 2028, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa mija, erbgħa u ħamsin elf u tmien mitt ewro (€154,800).

L-imsemmi fond huwa proprjeta ta' Grech Maria Dolores (KI 66543M), Drago Maria Carla (KI 45969M) u Camenzuli Alexia (KI 234878M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 58/2015.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 9 ta' Frar, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 3rd February, 2022, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 19th May, 2022, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

The garage/store on ground floor level, without official number, named 'Mars', in Triq il-Bajjada, previously known as Triq Gdida in Triq Isouard, Marsa, which garage/store with the exception of the facade is bounded from all the boundaries with third party property, subject to annual and perpetual ground rent of forty six euro and seventy three cent (€46.73), which ground rent is due on the forming land where the garage is built on, including the rent pre 1995 for the remaining years till year 2028, with all its rights and appurtenances, valued at one hundred, fifty four thousand and eight hundred euro (€154,800).

The said tenement is the property of Grech Maria Dolores (ID 66543M), Drago Maria Carla (ID 45969M) and Camenzuli Alexia (ID 234878M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 58/2015.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 9th February, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

224

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Frar, 2022, fuq rikors ta' J. Zammit Limited (C37945) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 27 ta' April, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'447, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Agius Gordon (KI 185472M).

Vettura tat-tip Peugeot 407 ta' kulur blu, bin-numru ta' reġistrazzjoni CBU638

N.B. L-imsemmija vettura tinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-Subbasta numru 11/20

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 9th Febraury, 2022, on the application of J. Zammit Limited (C37945), Wednesday, 27th April, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction, to be held at 447, Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera of the following items seized from the property of Agius Gordon (ID 185472M).

Vehicle of the make Peugeot 407 blue in colour, with the registration number CBU638

N.B. The said vehicle will be sold as described in the acts of judicial sale number 11/2020

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 9 ta' Frar, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 9th Febraury, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

225

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-7 ta' Frar, 2022, u dan wara Rikors b'numru 27/2022, Ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid li jġib in-numru 2470/2007 billi taħt il-kolonni intestati 'Ismijiet mogħtija' u 'Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa' jitħassar l-isem 'Svan' u jiġi sostitwit bl-isem korrett 'Sven'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, l-Erbgħa, 9 ta' Frar, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It ishereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 7th February, 2022, and upon an application numbered 27/2022, Ordered:

The correction in the Act of Birth bearing the number 2470/2007 whereby under the columns headed 'Names given' and 'Name or names by which the child is to be called' the name 'Svan' should be deleted and replaced by the correct name 'Sven'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Wednesday, 9th February, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

226

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-7 ta' Frar, 2022, u dan wara Rikors b'numru 01/2022, Ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid li jġib in-numru 5341/1986 billi taħt il-kolonna iintestata 'Ismijiet mogħtija' titneħħa l-virgola (koma) (,) bejn 'Maria' u 'Ruth' sabiex dawn iż-żewg ismijiet jiġu kkunsidrati bħala isem wieħed, filwaqt li taħt il-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa' jiżdied l-isem 'Ruth' wara l-isem 'Maria', sabiex l-isem kollu jiġi indikat bħala 'Maria Ruth'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, l-Erbgħa, 9 ta' Frar, 2022

ETIENNE SCICLUNA
Direttur u Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 7th February, 2022, and upon an application numbered 01/2022, Ordered:

The correction in the Act of Birth bearing the number 5341/1986 whereby under the column headed "Names given" the comma character (,) between "Maria" and "Ruth" should be removed so that the two names are considered as one name, while under the column headed "Name or names by which the child is to be called" the name 'Ruth' is added after the name 'Maria', so that the full name reads as 'Maria Ruth'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Wednesday, 9th February, 2022

ETIENNE SCICLUNA
Director and Registrar, Civil Courts And Tribunals

227

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Frar, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5641/2021, fl-ismijiet Ryan Farrugia vs Alexander sive Alex Mercieca, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-

By means of a decree of the 2nd February, 2022, in the records of the judicial letter number 5641/2021, in the names Ryan Farrugia vs Alexander sive Alex Mercieca, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for

konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illum, 20 ta' Diċembru, 2021

Lil: Alexander sive Alex Mercieca (KI 85363M) ta' 4, Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Permezz tal-preżenti, Ryan Farrugia (KI 395188M) ta' 36, Chambol, Triq il-Kuluvert, Il-Fgura, qiegħed jagħmel referenza għall-konvenju ta' bejnietkom datat 29 ta' Settembru, 2020, għax-xiri ta' appartament fis-sit sitwat fi Triq Bormla, il-Fgura.

Illi l-mittent ġie offrut li jiffirma kostituzzjoni ta' debitu, liema kopja qiegħda tkun annessa u mmarkata bħala Dok. A;

Illi qiegħda wkoll issir referenza għall-kostituzzjoni ta' debitu bejn il-partijiet datat 27 ta' Mejju, 2021, liema kopja qegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. B, kif ukoll għal konvenju datat 29 ta' Settembru, 2020, liema kopja qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. C;

Illi skont Dok. B, fin-nuqqas li ma tosservax tali kostituzzjoni ta' debitu, inti se tkun qiegħed teħel penali ta' €50 kuljum;

Illi l-mittenti mhux se jkun qiegħed jiffirma l-ebda kostituzzjoni ta' debitu oħra, u kwindi jinterpellak sabiex sa mhux aktar tard min tliet (3) ijiem min-notifika tal-preżenti inti tirrifondi l-ammont ta' €20,000 li jirrappreżenta d-depożitu tal-konvenju;

Illi fin-nuqqas, il-mittenti sejjer jieħu kontrikom dawk il-passi kollha li tippermettilu l-liġi, inkluż li jikkawtela l-interessi tiegħu bil-mandati opportuni.

Il-mittenti qiegħed inoltre jżommok formalment responsabbli għad-danni kollha kkaġunati lilu f'dan ir-rispett.

B'riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-mittenti.

Tant biex tagħrfu tirregolaw il-pożizzjoni tagħkom fil-liġi.

Bl-ispejjeż inkluż tal-preżenti.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 20th December, 2021

To Alexander sive Alex Mercieca (ID 85363M) of 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi

By means of this present, Ryan Farrugia (ID 395188M) of 36, Chambol, Triq il-Kuluvert, Fgura, makes reference to the promise of sale dated 29th September, 2020, for the acquisition of the apartment found in Triq Bormla, Fgura.

The interpellant was offered to sign a constitution of debt, which copy is here attached and marked as Doc. A;

Reference is also made to the constitution of debt between the parties dated 27th May, 2021, which copy is here attached and marked as Doc. B and also the promise of sale dated 29th September, 2020, which copy is here attached and marked as Doc. C;

That according to Doc. B in default of not observing such consitution of debt, you will be subject to a penalty of €50 per day;

The interpellant is not going to sign any other consitution of debt, and thus solicit you so that not later than three (3) days from the notification of this present you will refund the amount of €20,000 that represent the deposit of the promise of sale;

That in default, the interpellant will take all the actions permitted by law, including protecting his interest by the opportune warrants.

The interpellant is also holding you formally responsible for all the damages caused to him in this respect.

Reserving any other action by the interpellant against the respondent.

So much for your own guidance.

With costs, including this present.

Registry of the Superior Courts today 11th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603